MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 53/2013

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici A B li wara li ppremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu permezz tar-Registru Pubbliku fit-12 ta' Marzu 2005, kif jirrizulta mic-certifikat anness;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifel wiehed;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet essenzjali tieghu, li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

6. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Talbet lil Qorti sabiex:
i. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fit-12 ta' Marzu 2005 fir-Registru Pubbliku, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt in subizzjoni tieghu.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici u l-elenku tad-dokumenti prezentati;

Rat in-nota tal-konvenut li informa l-Qorti illi huwa mhux ser jipprezenta r-risposta guramentata tieghu u fejn iddikjara illi jaqbel li z-zwieg tieghu mal-attrici ghandu jigi ddikjarat null.

Rat in-nota li permezz taghha l-attrici iddikjarat illi m'hemmx proceduri quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku peress li l-partijiet kienu izzewgu biss bir-rit Civili.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti;

Ikkunsidrat;

**Provi**
L-attrici xhedet bil-mezz ta' affidavit[1]. Il-partijiet kienu izzewgu bic-civil fit-12 ta' Gunju 2005 u damu flimkien sitt snin; minn dan iz-zwieg kellhom tifel Fabian. L-attrici tghid li ghalkemm kienu gerituri tajbin ghal binhom, ma kienx hemm relazzjoni matrimonjali bejniethom - *'ma kienx hemm zwieg fiz-zwieg taghna'*. Il-konvenut kien jaghti *'Kunfidenzi lin-nisa ohra'* u minhabba din, il-hajja konjugali bdiet tigi distrutta. F'Gunju 2011 isseparaw *de facto* u sussegwentement fi Frar 2012 isseparaw legalment. Tispjega li l-fatt li z-zwieg dam daqshekk kien minhabba l-fatt li l-intimat kellu relazzjoni tajba hafna ma’ binhom u din lilha Bha milli tissepara qabel.

[1] Folio 14

Tixhed li meta bdiet tohrog mal-konvenut, kienet ilha xaghrejn li hassret minn relazzjoni ohra li kienet ilha ghaddejja hames snin u dan wara li kellha kollox ippreparat ghac-celebrazzjoni tat-tieg. L-attrici tistqarr li ghaliha z-zwieg kien ifisser mezz sabiex issolvi il-problemi li kienet tinsab fihom qabel iz-zwieg. Hija kienet tinsab f'sitwazzjoni difficili u ta' dwejjaq fid-dar tal-genituri taghha u dan peress li kien ikollha argumenti ta' spiss ma' missierha, li ma kienetx tifmhu, u li kien ibati minn *obsessive compulsive disorder*. Din is-sitwazzjoni dahlitha f'*depression* u kienet taht il-kura tal-psikjatra Dr Joe Saliba ghal xi sena u nofs qabel ma izzewget.

Ftit xhur qabel iz-zwieg ma kienetx thossha sew u tghid li ma xtaqitx tizzewweg. Kienet ammettiet mal-konvenut li ma kienetx thobbu verament u wara z-zwieg tghid li l-konvenut kien qalla li kien izzewwigha ghax thassarha u *'ghax xtaq tarbija at all costs.'*

Tirrakonta li qabel it-tieg - tlett gimghat qabel - giet f'idejha ittra anonima indirrizzata lil 'C il-playboy' u peress li ma riditx thassar it-tieg ma qalet xejn; Apparti dan l-inkwiet kienet tiffaccja ukoll inkwiet mal-familja taghha peress li ma kienux kuntenti b'dan iz-zwieg ghax kien zwieg civili.

Malli l-post fejn kienu ser jirresjedu kien lest ghagglu u zzewgu u dan allavolja kif tistqarr hi: *'It-tnejn li ahna konna mmaturi fiz-zmien li zzewwigna.'* u *'jiena xammejt il-problemi ta' bejnietna, kelli dubji serji dwar iz-zwieg peress ukoll li hu ma tantx kien affidabbli.'*

Tghid li C kien ibati minn *panic attacks* meta kien zghir u kienet effetwaha hafna il-fatt li missieru miet f'daqqa meta hu kellu biss tlettax il-sena. Iz-zwieg ta' C ma mara ohra kien gie annullat mill-Knisja minhabba fedelta'.

Tiddeskrivi lil C bhala persuna li ma jistax ikun ma’ mara wahda biss avvolja jipprova, li ma kienx ghadu lest jissetilja, *charmer, flirter,* jaghti hafna kunfidenza lin-nisa, ma kellux *boundaries, attention seeker* u jkun irid ikun ic-centru tal-attenzjoni, inkapaci jidhol f'rabta ma’ persuna wahda bl-intenzjoni serja, u *addict* ghal facebook.

Minn naha l-ohra l-attrici tghid li hi ta' l-opinjoni li *'F'mohhu dak inhar li zzewwigna ma kellux intenzjoni li jkun monogamu ahseb u ara li jidhol f'rabta li tkun ghal dejjem, this was a thing beyond his control.'*

Dan il-karattru fil-hajja matrimonjali kkawza hafna disgwid u tghid li fiz-zwieg C ma kienx fidil lejha apparti l-fatt li *'Imhabba ma kienx hemm u dan min-naha tat-tnejn'.*

*'Il-problemi bejnietna bdew minn qabel iz-zwieg u baqghu sejrin wara z-zwieg.'* u *'Iz-zwieg tfarrak meta Peirre ammetta li kien qed jorqod ma’ persuna ohra.'*

Marru *counselling* ta' Kana *'Hajja intima ma kellniex. Fil-fatt rari kien ikollna x'naqsmu flimkien u din kienet tigi min-naha tat-tnejn. Fil-fatt it-tifel kien jorqod f'nofsna biex zgur ma nkunux intimi.'*

Iz-zwieg tkisser umbaghad meta l-attrici qabdet li intimat qieghed f'relazzjoni ohra u dan ammetta.

Dawn il-fatti gew kollha ikkoraborati fl-affidavit ta' oht l-attrici.

Ix-xhieda tal-habiba tal-attrici mhiex relevanti peress li din il-habiba kienet saret taf lill attrici wara iz-zwieg fit-2008 u ghaldaqstant ma kienetx prezenti fil-perjodu ta' qabel ma inghata il-kunsens taz-zwieg.

Il-psikjatra kien ilu jaf l-attrici mis-sena 2002' fis-sena 2003 jghid: *'The couple was making active preparations to marry..........she was upset by an annonymous letter and telephone call to her fiance.........she was very worried by recent nightmares...Neverthless she opted to remain off treatment. My next clinical contact was in July 2007*[i] *'*

*Verzjoni intimat*
L-intimat ghazel li ma jipprezentax il-verzjoni tieghu pero ddikjara li jaqbel li z-zwieg tieghu mall-attrici ghandu jigi iddikjarat null.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**L-Azzjoni**
L-attrici fil-premessi taghha qeda titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi dikjarat null ghaliex il-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg: i) kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-konvenut li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg; ii) kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut jiddikjara illi ma jopponiex it-talba tal-attrici li iz-zwieg jigi dikjarat null u bla effett.

**Artikolu 19 (1) tal-Kap 255** jipprovdi illi:
B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:

(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Ikkunsidrat:

Fir-rigward tas-sub inciz (f) jinghad is-segwenti:
Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni ghalkemm kien ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine" (**P.A. 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwawqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe saret simulazzjoni parzjali.*

Il-gurisprudenza Maltija **Aquilina vs Aquilina** (P.A. 30 ta' Jannar 1991 elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil - "*kommunjoni tal-hajja kongulai, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied".*

Il-Komunjoni tal-hajja konjugali u l-"*consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja. Fis-sentenza "**Magri vs Magri"** (P.A. 14 ta' Lulju 1994 qalet: "*Jekk din il 'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responabilita' tal-familja."*

Fis-sentenza "**Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. 5 ta' Gunju 2002) inghad li *"wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaqghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estrmi tal-annullament taz-zwieg".*

Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn wiehed ma jkollux intenzjoni li jizzewweg sabiex jghix hajja konjugali mal-konjugi biss izda jkun qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri, per ezemju iz-zwigijiet ta' konvenjenza sabiex dak li jkun jottjeni passaport Malti jew sabiex jitlaq mid-dar tal-genituri tieghu.

Mill-atti ma jirrizultax li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Ghalkemm fix-xhieda taghha l-attrici tghid li qabel ma l-partijiet izzewgu hija kellha hafna dubji dwar il-konvenut u jekk kienx fidil lejha, it-testimonjanza taghha ma hiex tali li tnissel fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li l-konvenut fil-mument li qed jikkontratta z-

zwieg kien qed jeskludi a priori iz-zwieg innifsu jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga. Mill-atti il-provi f'dan ir-rigward huma prattikament inezistenti. L-attrici xhedet illi fil-fehma taghha il-konvenut ma kienx fidil lejha sew qabel kif ukoll wara z-zwieg tal-partijiet pero' provi li jikkoroboraw il-pretensjoni ma resqitx.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 ma hiex fondata.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tal-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jinghad illi biex l-azzjoni attrici tirnexxi ab bazi tas-sub inciz (d) trid qabel xejn issir il-prova li l-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mezzewga.

Gie diversi drabi ritenut li d-decizzjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta.

Ghalhekk huwa imperativ li dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.

Fl-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Proprju fl-ewwel artikoli ta' dan il-Kodici, intitolat "Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin" jinghad hekk:

"2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.
(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.
3. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja"

Ikkunsidrat;

Il-gurisprudenza nostrana konstantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqq. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi.

Fil-kawża **"Nicholas Agius vs Rita Agius"** (25 ta' Mejju, 1995) intqal illi: *"B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieg tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reeiproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuneett āuridiku intrinsikament marbut mal-kapaeita' ta' parti jew oħra fiż-żwieā li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieg."*

F'dan is-sens gew deċiżi wkoll il-kawżi **"Angela Spiteri vs Joseph Spiteri"** (4 ta' Novembru, 1994), **"Robert Attard vs Josephine Attard"** (18 ta' Ottubru, 1995) u **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (14 ta' Awissu, 1995).

"Illi fil-kawża fl-ismijiet **"Mario Mizzi vs Maris Mizzi"** (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li: *"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapaeita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neeessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jiāifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

Fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-gurisprudenza ittenni li illi mhux kwalunkwe stat, fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, jwassal ghall-annulament taz-zwieg. Il-kawzali ghall-annulament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju.

Dan gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. 26 ta' Ottubru 2000). Il-Qorti irriteniet illi jkun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d)* ***irid ikun hemm l-inkacapita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*** *(*ara **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** P.A., 10 ta' Novembru 1995)

Fil-kawza **Tonna v Tonna** (Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-31 ta' Jannar 1996) dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju intqal li "*dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta*

*kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita' affettiva wiehed , naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

Ikkunsidrat;

F'dan il-kaz kemm l-attrici u kemm il-konvenut kellhom tletin sena meta izzewwgu - eta’ li l-persuna hija prezunta li tkun matura bizzejjed bil-kapacitajiet u d-diskrezzjoni mehtiega sabiex tapprezza u twettaq fil-fatt id-dmirijiet taghha ta' mizzewga u kapaci tifhem il-konsegwenzi ta' zwieg.

Mill-provi imressqa ma jirrizultax li xi hadd mill-partijiet kien qed ibati minn inkacapita’ psikika li kienet qed tinpedixxi lil xi hadd minnhom milli jaghraf u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju m’ghandux jigi assimilat ma’ ghazla hazina tas-sieheb jew siehba fir-rabta matrimonjali. Appena huwa necessarju jinghad illi zwieg li jfalli ma hux necessarjament zwieg null.

Il-Qorti hija tal-fehma li meta z-zewg partijiet kienu qed jaghtu l-kunsens taghhom, it-tnejn kienu jafu x’timporta l-hajja mizzewga u x’inhuma d-dmirijiet u d-drittijiet naxxenti mill-istess. Ir-regoli dwar in-nullita’ taz-zwieg huma rigoruzi ghaliex jistipulaw meta kuntratt taz-zwieg civili ghandu jigi kkunsidrat bhala li qatt ma sehh, b’differenza ghar-regoli ghal talba ghad-divorzju fejn iz-zwieg civili jibqa’ validu mill-jum tac-celebrazzjoni tieghu sal-jum li jinhall. Mill-provi imressqa il-Qorti ma rriskontratx xi prova li parti jew ohra kellhom difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq xi wahda mid-dmirijiet essenzjali ghaz-zwieg. Fil-fehma tal-Qorti l-partijiet kienu konsapevoli tal-obbligi u d-drittijiet li jimporta mieghu iz-zwieg.

Mhux bizzejjed ghall-finijiet ta’ annullament taz-zwieg l-infedelta’ waqt iz-zwieg. Sabiex zwieg jigi dikjarat null jehtieg li ssir prova li bil-komportament tieghu qabel iz-zwieg il-konvenut kien qed jeskludi li jassumi l-obbligi ta’ ragel mizzewweg. Tali prova f’dawn l-atti ma saritx.

Wara li fliet bir-reqqa l-provi migjuba din il-Qorti hija tal-fehma li ma giex sodisfacentement ppruvat li l-kunsens ta’ xi hadd mill-partijiet fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg kien afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet essenzjali taz-zwieg.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[i] a folio 39